# K U N S I L L   L O K A L I   K I R K O P

Il-Minuti tal-ħmistax (15) –il laqgħa tas-sitt leġislatura tal-Kunsill Lokali Kirkop li saret nhar it-Tlieta 07 ta' Lulju, 2009 fil-ħamsa u nofs ta' wara nofs in-nhar (5.30pm) fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

*Preżenti għall-Laqgħa:* Mario Salerno Sindku
Joe Carbone Viċi Sindku
Stephen Mizzi Kunsillier
Nadia Zammit Kunsillier
Ranier Busuttil Segretarju Eżekuttiv

S-Sindku ppresedja l-laqgħa.

**1. Qari u Konsiderazzjonijiet tal-Minuti**

1.1. Il-Minuti ta' l-erbatax -il laqgħa tqassmu ġimgħa qabel pero ma nqrawx għalhekk ser jiġu approvati il-ġimgħa d-dieħla. Is-Sindku qal li il-Minuti iridu jinqraw mil-Kunsillieri u mhux jingħataw għalxejn, sabiex jekk ikun hemm affarijiet mhux korretti jew neqsin, jiġu diskussi fil-laqgħa ta' wara.

**2. Approvazzjoni tal-Minuti**

2.1. L-approvazzjoni ser issir fil-laqgħa li jmiss.

**3. Punti Mqajjma mill-Minuti**

3.1. Ser jiġu kkunsidrati fil-laqgħa li jmiss.

**4. Stqarrija tas-Sindku Mario Salerno**

4.1. Is-Sindku qal li s-Sur Brian Theuma spiċċa x-xogħol fuq il-binja tal-Kunsill u dak ix-xogħol li ser jagħmel żejjed bħal ħajt tas-sejjiegħ ta' fejn Maria, il-ħajt ta' l-ATM, il-ħorza tal-bir u fil-bitħa. Is-Sindku qal ukoll li tkellem mal-perit Dieter Falzon rigward il-bridge way fil-binja l-ġdida u s-Sindku ppropona li nagħmlu art tal-ħġieġ kwadru u nkunu nistgħu inqegħdu aktar nies f'din is-sala. Il-perit qal li la darba il-pjanti ġew ibbażati fuq hekk mux ha jkun responsabbli ta' din l-art tal-ħġieġ u filkas jekk irid jista jiffirma l-enginier li ssuġġerilna din il-ħaġa. Dan minħabba li l-blata u l-istruttura mux preparat għal dan. Rose Roberts qalet li fuq ta' Brian irridu nżommu l-multa kif inhi fl-agreement li għamilna miegħu. Mario qal li billi mdaħħal ukoll l avukat jiġi Dr. Anthony Galea u nimxu b'mod legali. Għalhekk tajjeb li nikkonfermawa miegħu. Is-Sur Mizzi qal li ġab żewġ interpretazzjonijiet jew nikkalkulawhom bħala *working days* jew *days* normali.

Rigward l-ATM ġie propost li niktbu uffiċċjali lil BOV u nibgħatulhom ukoll desinn u pjanta. Kien hemm qbil unanimu. Nibgħatu kopja lil Stephen ukoll.

Kunsill Lokali Kirkop – Triq il-Barrieri, Kirkop
Sindku: Sur Mario Salerno
Vi`i Sindku : Sur Joseph Carbone
Kunsilliera : Sur Stephen Mizzi, Sinjorina Nadia Zammit, Sinjura Mary Rose Roberts
Tel: 21680099 Fax: 21683777 email: kirkop.lc@gov.mt

4.2. Is-Sindku qal li l-Ħadd li gej hu sejjer għand il-familja il-Canada għal xi 3 gimgħat. Is-Sindku talab lil Ranier is-Segretarju biex kull korrispondenza u referenza issir ma' Joe Carbone bħala Deputy Mayor għal matul dan iż-żmien. Kull complaint, emails, day to day issues etċ ngħadduhom lilu.Billi s-Sur Carbone jaħdem sat-3.30pm importanti li nċemplulu aħna. Is-Sur Carbone qal li hu qiegħed jaħdem bil-ġranet sa l-10 t' Awwissu. Mario qal li hu ser jiġi lura fis-6 t' Awwissu.

4.3. Is-Sindku qal li bħal ma tafu l-Kunsill għandu ċ-Ċentru Soċjali u l-Akkademja. Is-Sindku qal ukoll li ser nerġgħu nagħmluha ċara li ċ-Ċentru soċjali tmexxieh Rose Roberts u l-Akkademja tmexxieh Nadia Zammit. Ma nistawx nillaxkaw li nħallu bibien miftuħin u serq. Tajjeb li nagħmlu double checking fuq xulxin. Is-Sindku qal ukoll li l-binja tal-Kunsill għalaqniha b'bieb temporanju u għandu ċavetta tagħha Ranier fil-Kunsill u Joe Camilleri ta' l-IPSL. Jekk xi ħadd ikun irid jidħol hemm tajjeb li ċ-ċwievet jittieħdu minn hemm.

4.4. Is-Sindku qal li tajjeb jibgħatu l-artikli tan-newsletter mil-aktar fis possibbli. Is-Sindku staqsa min diġa għamel dan u apparti huwa għamlet dan l-artiklu biss Nadia Zammit. Is-Sindku qal li sa nhar it-Tnejn trid tkun għand Antonia.

4.5. Is-Sindku qal li bħal ma tafu l-Authorised Officer tagħna s-Sur Dennis Vassallo għadu ma jiflaħx pero ħareġ mill-isptar u allura sinjal tajjeb li qed jirkupra pero fadal ħafna. Il-multi li jingħataw mil-wardens baqgħu deħlin u qal jekk taqblu miegħi, jekk nintalbu inħallsu xi flus mit-tribunal ma nħallsuhomx għalissa u qabel ma jerġa lura għax-xogħol normali ma jitħallsux. Is-Sindku qal li ltqajna mal-Ministru Carmel Mifsud Bonniċi biex naraw kif ser titmexxa s-sistema l-ġdida u qalilna li ser tinbidel.

4.6. Is-Sindku ppropona xi xogħol għall-istaff u ta istruzzjonijiet li dak li jkun miftiehem ma' l-istaff ikun implementat. Mhux aċċettabbli mhux biss li jinsgħu xi ħaġa imma li jkollok l-awditur sena wara l-oħra għal ċertu nuqqasijiet. Is-Sindku ippropona rimedji. Jekk hi xi ħaġa li trid issir trid issir. Hu qal ukoll li jekk għandna xi xogħol li mhux qed jitwettaq fil-ħin irid jiżdied il-ħin. Is-Sindku semma ir-rapport ta' l-Awditur li semma irqaqat bħal tal-bank HSBC tal-lm5 li dejjem isemmiha kull sena. Is-Sindku qal li jekk andi infettaq, infettaq fuq il-ħaddiema klerikali biss għax il-Kunsilliera huma volontarji.

4.7. Is-Sindku qal li għaddielu minn widnejh li l IPSL iridu jitfawhom ġo postijiet oħra. Jekk hemm xi ħadd fuq *customer care* naċċettawhom.

Is-Sur Mizzi qal li kien ġie miftiehem ukoll li r rapporti li jidħlu intuhom ittra u ngħatu kopja lil Kunsillier konċernat apparti dawk il-complaints li jridu jkun jibqaw anonimi. {ie miftiehem li l-irċevuti jinagħtaw lil kulhadd anke lil Kunsilliera meta jiġu jagħmlu rapport huma. RoseRoberts qalet li naħseb Charmaine mhux qiegħda taqdiha sew u qed titmejjel biha.

4.8. Is-Sindku ordna li nkomplu niġri wara l-ħaddiema tal-gvern biex isir ix-xogħol kif mixtieq.

4.9. IPSL – Rigward it tqehid tal-madum inġibu quotes. U faċċata tal-kunsill inġibu quotes ukoll. Lill-Perit Falzon kif niġu as si u n no jaraw kif naqas u fejn żbalja u nħallsuħ accordingly. Is-Sindku qal li tenders li rridu noħorguhom. Aperturi, gypsum. Madum: fl-ATM isir mil-ħaddiema, is sala ta' l-uffiċċju u ta' fuq isiru mil-ħaddiema privati.Joe qal li mux sew li nagħtu l-għadma lil espert u l-laħam lil ħaddiema ta' l-IPSL. Mario qal li jek kuntenti hekk namlgħuh kollu b' tagħna.Skond Stephen qal li ser jitla ħafna spejjeż aħjar nagħmluh b'tagħna għax jekk jiġi wieħed iqieghed bl-addoċċ jista jiġi jaqa u jqum u jagħmel aktar ħsara. Stephen qal li aħjar ntawlu l-process u inġibu stima ta' kollox. Naraw x inhuma x-xogħlijiet kollha u li jistgħu jagħmlu l-ħaddiema tagħna jamgħluh u jekk le inqabbdu l esperti. M' hemmx garanzija li l-irħas tenderer jieħu x-xogħol. Madum ġie maqbul li namluh bil ħaddiema ta' l-IPSL.

4.10. CCTVs hemm bzonn li nkellmu lil Pierre tal- Fire & Theft biex jirranga s-sistema u x-xogħol ikun garantit u naraw li s’ issa hemm Salvu Debono jimmoniterja l-cameras. Is-Sindku staqsa kemm hu possibbli li nċemplu l-għassa u Ranier jibda jara li kollox allright.

4.11. Għandna daqsxejn ta’ polemika bejn Dieter u Ranier. Ranier bagħtlu bil-miktub biex ilaħħaq idaħħal il-MEPA il-pjanta ta’ l-amendi tal-Kunsill fil-ħin u l-perit qallu li hu kien qiegħed Għawdex. Mario qal li hu telgħa Għawdex l-għada u ltaqa miegħu u ħlief bsaten fir-roti mhux qed jagħmel. Il-liġi favurih għax għandu 15 il-sena responsabbilta fuq il-bini. Fil-kejl tajjeb li nkunu preżenti miegħu u naraw jekk il-foot print t isfel ux l istess. Issuppervja bil-kbir fuq il kwistjoni tal-latrina u la diga tħallas fuq id-disinni irid bilfors ikompli hu. Fadallu jimmarka lil bennejja ta’ Charles Chircop biex ikunu jistgħu jibdew jaħdmu. Is-Sindku qal li bir-rispett kollu naqbdu u nkejlu il-linja aħna u nagħmluha.

Stephen tkellem fuq ir-renderings ta’ ġewwa tal-Kunsill. Mario qal li ser ikollna quote tal-Perit Anthony Bezzina u mbgħad niddeċiedu minn hemm l-irħas. Il-fatt li hemmhekk daħal il-Perit Bezzina tajjeb li nieħdu l-parir tiegħu ukoll imbghad nimxu minn hemm.

4.12. Ħaġa li wettaqna bgħat għalina s-Segretarju Parlamentari l-Onor. Chris Said u attendew Rose Roberts, Ranier Busuttil u Mario Salerno. Is-Sindku qal li kienet laqgħa kordjali u xi tkellimna aħna l-agenda tkun mehmuza mal-Minuti ta’ wara biex inkunu nafu fuq xiex tkellimna. Is-Segretarju kellu jibgħat l-affarijiet lil Mark Mizzi it-toroq dawk it-tlettax. Ta’ ħdejn iċ-ċimiterju u għandu jitkellima ma’ l-ADT. Nibgħatu lil Mark Mizzi u Triq l-Imdina ma Triq San Pietru u naraw kif ser imexxi. Is-Sindku qal li saret laqgħa bejn Tony Zammit, Mario Galea u John Dalli. Hu qal daqs kemm jafhom Stephen ma jafhom ħadd u Stephen qal li għadu ma tkellem ma ħadd u x aktarx li ser jieqaf il-proġett.

4.13. Is-Sindku qal li iltqajna ma’ Dr. Zammit ta’ l-antoroġija. Qabel mal-proposta tagħna tar-respite care centre u li qal li b’tali mod jixtieq li magħna bħala kunsill li lil anzjani inħeġġuhom jixorbu l ilma. Dr. Zammit qalilna li ħa jżomm kuntatt magħna u il-pjanta, li qegħda fuq il mejda wkoll, is-Sindku qal li hu ma jaqbilx magħha għax it-taraġ ma’ jagħmilx sens. Mario qal li t-tarag irid jiġi fil-ġenb u mhux man-naħa tal-bandli. L-emergency exit ikun taraġ tal-ħadid li jiġi fuq barra. Hu issiġġerixxa li jiġu kmamar ukoll fuq il bejt. Il-perit qal li hawn itik anke għal penthouse allura huwa possibbli. Stephen qal li s soddod huma f’xulxin ħafna!

4.14. Tajjeb li nsemmu l-grupp ta Josef u li qaxxru kull m’ hawn. Is-Sindku għadda suġġeriment li lil tal-boċċi intuhom il-kamra t-twila żgħira li hemm fil-pitch biex iżommu l-equipment. Il-pitch qiegħed tajjeb mir-ramel skond l esperti li hawn Ħal Kirkop. Jekk mhux tajjeb bir ramel nixtrulhom naqa ramel iktar. Is-Sindku qal li ser jilgħabu l boċċi basta mhux league u ser ikun tagħna u mmexxu aħna. Il-boċċi ma joħduhomx id-dar.

4.15. Is-Sindku qal li fuq il-ġardinar il-ġdid li ġie. Hu qal li bqajna ma’ Charles Attard li iġib ġardinar wieħed flok 10 ma jagħmlu xejn. Hawn telqa kbira. U jekk ma nbiddlux il mentalita. {ie maqbul mil-Kunsill kollu li nibgħatu default lil ELC minn għada stess u jiffirmha is-Sindku.

L-ittra li ser nibgħatu hija t’hawn taħt.

Il-Kunsill unanimament jaqbel illi b effett immedjat qed joħroglok notice illi jekk ma tirregolax lilek fi żmien 24hrs u tieħu ħsieb it-tisqija skond l-iffirmar fil-kuntratt u il manteniment tal flora f’Ħal Kirkop. Il-ħsara tant hi kbira li ix xitel li thawwel nixef.

4.16. Is-Sindku qal li ilu jgħid lill-ħaddiema tal-ELC u ippropona unanimament li ma nħallsuhx u stephen qal li mhux possibbli għax jekk inkunu għadna ma ħriġniex id-defaults għalhekk nibghatlu

default. Nhar it-Tnejn nibghatulu oħra u biex isaqqu darba fil-gimgħa jieħdu r-ruħ. Filkas inqabbdu bowzer aħna.

4.17. Is-Sindku qal li din il-ġimgħa sar inċident l-Italia nimmaġina li smajtu żgur u ftakart fil-Multigas u ċempilt lil Vince u kellmu fuq l-aċċident ta’ Viareggio u Vince qallu li għandhom jiltaqgħu l-avukati bejniethom u hu għamel appuntament ma’ Louis Farrugia u ser ikellmu biex isir il-ftehim għax anke Louis Farrugia ser jieqaf. Rose saqsiet għala l-aħħar darba qalu li iridu go ahead mil-gvern? Mario qal li huma ħaduha u issa għandhom kollox sew.

4.18. Is-Sindku qal li għal ada kollox lest u ser jattendu Rose u Mario.

4.19. Is-Sindku qal li l-Asfaltar ser ikompli nhar it-Tnejn u plus hekk nipproponu Triq Sant Anglu wkoll. Irridu naħsbu għal San Anard ukoll għax ġej f’Awwissu. Irridu naraw li l-Asfaltar ikompli u Stephen qal li għandu b gimgħatejn xogħol biss. Issa ha naraw fuq kemm ser idumu fuq tal-Menhir. Għandna l-permessi li iridu joħorġu. Bezzina għamel anke is surveying u kellu jipprepara kollox u jibgħat lill-ADT. Il-Bankina qal li dik għad hemm xi ħaġa għada mhux in regola wkoll. Is-Sindku qal li lill-Perit Bezzina qallu li anke jekk ikun ħadd il-festa jistghu jaħdmu wkoll.

**5.1. Stqarrija tal-Viċi Sindku Joe Carbone**

5.1.1. Il-Viċi Sindku qal li għandu kemm iltaqgħa ma’ Joe Camilleri ta’ l-IPSL u tajjeb li jkollna designer. Is-Sur Carbone staqsa fuq il-kamra ta wara x’ġejja? Is-Sur Carbone qal li hu ma jaf b’xejn. Dawn l-affarijiet ma jistax jibda u ssuġġerixxa li nkunu hemm bil-ħaddiema u kunsilliera kollha imbad niddeċiedu. Hu komplu u qal li hemm hekk irridu naraw x’ser nixtru għax hemm il-mijiet kbar ta’ liri. Stephen qal li mhux sew nabbu lil Joe bir-responsabbiltajiet kollha. Stephen qal li anke Rose jew Nadia jiġu għax tajjeb li jkollna aktar opinjonijiet. Joe staqsa jekk mal-faċċata ux ser ikollna uplighters? Għalhekk ippropona li nagħmlu appuntament li niltaqgħu fuq il-post. Jekk ikollna rendering nistgħu nibdew. Dik il kamra ser issir latrina? Il bieb ser jingħalaq ukoll? Is-Sur Carbone qal li il-ġimgħa ser joħodha leave u wara nofs in nhar ikun available. Fis-12.45 ikun available. Ngħidu lil Bezzina iġibilna il-kwotazzjoni tiegħu. Nixtru li t-taqqab fil-planki!

Is-Sur Carbone qal li bħal ma għedna fuq il bejt ser nagħmlu qatran u mhux membrane. Joe qal jew gej sewwa jew ma nagħmlu xej. Il-foam għoli ħafna u ma jiġix worth it skond Mario. Ittawwalna ħdejn iz-zija ta’ Stephen u hemm ġap u jikkonfermaw li ser isir minn Brian. In-naħa Liena trid togħla l apramorta ħabba id-dawl għax ser tkun perikoluża. Nipproponu lil Koptasin biex nagħmluhom u jekk refreshing nagħmluhom.

**5.2. Stqarrija tal-Kunsillier Rose Roberts**

5.2.1. Is-Sinjura Roberts qalet li il-keep fit biddilna l-ġranet u qegħdin isiru darbtejn fil-{imgħa. Rose qalet ukoll li kellmu lis-Sinjura Nancy Sacco sabiex tibda tieħu ħsieb il-klassijiet hi u biex jibdew iħallsu lilha direttament u ma jibqax jiġI involut il-Kunsill.

5.2.2. Rose qalet ukoll sabiex nagħmlu lista tal-korsijiet li ser ikollna dan is-Sajf u nibgħatuha l-iskola u nindirizzawa lil Assistant Kap Lina Ellul.

5.2.3. Is-Sinjura Roberts qalet li tajjeb li nkellmu lil Silvia Brincat li ser tagħmel il-kors tal-Privat u nibgħatula ittra uffiċċjali

**5.3. Stqarrija tal-Kunsillier Stephen Mizzi**

5.3.1. Stephen qal fuq il-keep fit li bagħtnilu l-balance bħala lessons mhux qed ikunu *self sustainable*. Bejn dak li jkun dieħel jew mhux dieħel. Rose qalet li illum il keep fit għaddejniha mil-kunsill li ser jiġu sponsorjati EUR1,160 f’sena. Rose iċċarat li nixtieq nitkellem fuqha. Is-Segretarju spjegalhom il-bilanċi li intbgħatu għax apparentement ma ġewx miftiehma u qal li mhux talli li mhux self sustainable imma talli qegħdin bi Euro26 minn fuq. Kulħadd kien sodisfatt bl-ispjegazzjoni u ġie miftiehem ukoll li mil-ewwel ta’ Settembru jibdew bit- 2euro kull lezzjoni. Joe qal li jiġu tlett xhur b’xejn mhux tajjeb għax ma jistax ikun għax dak l jkun jissuspetta.

**5.4. Strarrija tal-Kunsillier Nadia Zammit**
5.4.1. Is-Sinjorina Zammit qalet li hawn il-flats li qed jitfghu iz zejt fuq it-tarag u giet mistoqsija jekk irrapurtawx il pulizija.

**6. Awtorizzazzjoni tal-Pagamenti**
Il-pagamenti għaddew kollha.
Proponuti minn Mario Salerno s-Sekondat minn Rose Roberts.

**8. Affarijiet oħra**
8.1. Ma kienx hemm affarijiet oħra.

**9. Konklużjoni**
Il-laqgħa intemmet fit-8.30pm.

**Mario Salerno**
**Sindku**

**Ranier Busuttil**
**Segretarju Eżekuttiv**